

Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0243(COD)

8198/21
ADD 3

CODEC 594	COAFR 121
CADREFIN 237	COASI 65
FIN 354	CORLX 262
POLGEN 68	COHOM 86
ACP 41	ECOFIN 429
COEST 101	ASIM 28
MAMA 81	MIGR 87
DEVGEN 92	ATO 33
COLAC 32	

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija kienet favur l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapida tar-regolament NDICI, u aċċettat bosta kompromessi matul in-negozjati, filwaqt li rrikonoxxiet ukoll li l-biċċa l-kbira tal-linji ħomor tagħna ġew indirizzati wkoll. L-Ungerija tappoġġa li l-indirizzar tal-migrazzjoni u l-infurzar tal-kooperazzjoni fil-migrazzjoni ser jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-istrument NDICI.

Madankollu, l-Ungerija għad għandha tħassib serju rigward il-migrazzjoni legali, li hija parti mir-regolament NDICI. F'dak li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni legali, ma jistax jiġi injorat il-fatt li l-pandemija gābet magħha bidliet serji fis-sitwazzjoni ekonomika u s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea. L-iżviluppi inkwetanti huma kkaratterizzati mill-fatt li mijiet ta' eluf ta' ċittadini tal-UE tilfu xogħolhom minn mindu bdiet il-kriżi. Il-pandemija ħolqot emerġenza tas-saħħa bħal qatt qabel fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tad-dinja, u enfasizzat il-fatt li l-fluss mhux ikkontrollat ta' mases - minbarra li huwa theddida ferm serja għas-sigurtà - joħloq ukoll riskju serju għas-saħħa. L-għan ewlieni tal-Ungerija f'din is-sitwazzjoni kritika huwa li tħares liċ-ċittadini tagħha stess, kif ukoll li tħares lill-Unjoni Ewropea u l-abitanti kollha tagħha minn prospettiva epidemjoloġika. Għalhekk l-Ungerija ħadet id-deċiżjoni li ma tappoġġa l-ebda forma ta' migrazzjoni legali lejn l-Unjoni Ewropea minbarra l-migrazzjoni illegali, filwaqt li ssottolinjat li l-migrazzjoni legali mhijiex is-soluzzjoni t-tajba biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol. Minflok, għandha tingħata attenzjoni lill-għoti ta' kundizzjonijiet ta' xogħol u tal-ġhajxien deċenti liċ-ċittadini tagħna stess. Minħabba l-pożizzjoni ta' hawn fuq, u mingħajr ma tixtieq timblokka l-adozzjoni tar-regolament NDICI, l-Ungerija tastjeni milli tivvota.

Fir-rigward tar-referenzi għall-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti fir-Regolament, irid jiġi nnutat li t-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP III) adottat mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli fil-25 ta' Novembru 2020, ma ġiex approvat mill-Istati Membri kollha permezz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill. Peress li t-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri huwa bbażat fuq definizzjoni ta' ġeneru li mhijiex kompatibbli mal-pożizzjoni nazzjonali tagħna, l-Ungerija mhux ser tieħu sehem fl-implimentazzjoni tal-GAP III.